# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 25 ta' Ġunju 2020**

Appell numru 288 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Clyde FARRUGIA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 t'Ottubru, 2019 fil-konfront ta' Clyde Farrugia, karta tal-identità bin-numru 156192 (M) li ġie mixli:

    1. Talli fil-5 ta' Mejju, 2013, għall-ħabta ta' 22.00hrsfi Vjal il-Ħelsien, kantuniera ma' Triq Agira, Żebbuġ (Malta), b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, waqt li kienet qed issuq vettura tal-għamla Peugeot 306, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBD 747, involontarjament ikkaġunat offiżi ta' natura gravi u perdurata fuq

il-persuna ta' Dylan Caruan minn Ħaż Żebbuġ, skond kif iċċertifika Dr. Joanthan Żammit (Reg no. 3054) tal-Isptar Mater Dei;

2. Akkużat ukol talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi għamlet ħsara involontarja fuq motor cycle bin-numru ta' reġistrazzjoni GAC 552 għad-dannu ta' Dylan Caruana;

F'każ ta' ħtija il-prosekuzzjoni qed titlob li l-istess Clyde Farrugia jiġi skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat id-dokumenti kolla esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lill-partijiet;

Semgħet trattazzjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 30, 31, 214, 215, 216, 218, 225, 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lil **Clyde Farrugia** ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tkkundannah komplessivament għall-piena tal-multa ta' tmien mitt euro (€800) u tiskwalifikah milli jkolli jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tlett (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta' l-għada li din il-kawża tgħaddi in ġudikat.

3. Illi minn din is-sentenza Clyde Farrugia interpona appell permezz ta' rikors datat il-25 ta' Ottubru, 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza li minnha qed isisr dan l-appell u tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas tirriformaha billi tinfliġġi piena anqas ħarxa senjatament għal dak li jirrigwarda l-iskwalfika tal-liċenzja tas-sewqan.

Dan wara li saħaq is-segwenti: - Aggravji

a. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti u straħiet fuq li sketch u tat piż għal fatt li l-imputat kien biss madwar għoxrin ġurnata wara fl-isqarrija li qal lil pulizija li Caruna kien ġej minn Triq Agira u mhux dakinhar li sar l-inċident.

   Dan mhux il-każ stante li a fol 31 l-appellanti fil-police report jgħid li huwa xehed l-indicator u dar għal Triq Agira u f'sekondi ħass daqqa fil-vettura tiegħu u li huwa ma raħx ġej. U tant ma kellux x'jaħbi li a foll 33 fl-istess rapport jirriżulta li huwa ċempel lil pulizija u infurmahom li Brown 's Pharmacy li tinsab fejn saret il-ħabta għandhom cctv camera sabiex jiġbru r-recording minn hemm. Dan ma setgħet isir peress li skond il-pulizija fl-istess rapport ġew infurmati minn Brown's pharmacy li s-cctv cameras qeda fuq il-bieb biss.

   Jirriżulta wkoll li Caruana li huwa wkoll minn Ħaż Żebbuġ biex jixhed qagħad jaqra minn fuq pjanta ta' minn fejn għadda meta kull Żebbuġi jaf bl-amment it-triq mid-dar tiegħu għal fejn jgħaddi għal Vjal il-Ħelsien (fol 72). Inoltre Dylan Caruana a fol 76 jammetti li t-tfajla ħarġet miegħu mid-dar u li kieku kien veru li huwa għadda minn Vjal il-Ħelsien hija kienet tkun warajh jew quddiemu bil-karozza – da ma ġarax u kien jipproduċiha bħala xhud. Inoltre a fol 78 meta konfrontat b'dan li qallu missieru barra l-awla tal-Qorti cioe biex jixhed li kien ġej minn Vjal il-Ħelsien Caruana ma ċaħadx anzi wieġeb 'ġib ix-xhieda'. Dan l-Ewwel Qorti ma ħaditux in konsiderazzjoni.

   Lanaqas ma ħadet in konsederazzjoni l-korroborazzjoni tax-xhieda tal-appellanti mir-ritratti tal-ħsarat tal-vetturi esebiti fejn jirriżulta b'mod ċar li l-impatt kien wieħed frontali u għalhekk l-verżjoni tal-appellanti kellha tiġi emnuta għax kieku verament Caruana kien ġej

minn Vjal il-Ħelsien kieku kien jieħu d-daqqa fuq ix-xellug u mhux minn faċċata u d-daqqa tal-windscreen fil-vettura tal-appellanti hija prova dan.

Ir-ritratti fol 38 -41 juri fol 38 – ritratti tal-impact mal-faċċata tal-vettura, fol 40 marka tat-tyre tal-mutur fuq in-number plate ta' quddiem li jidhru aktar ċari a fol 41. Kieku verament Dylan Caruana kien ġej minn Vjal il-Ħelsin l-marka tat-tyre tal-vettura tal-appellanti ma kientx tkun minn faċċata iżda mil-ġenb. Meta mistoqsi a fol 80 għax d-daqqa ġiet minn faċċata huwa wieġeb li ma jafx.

L-ewwel Qorti straħet fuq li sketch tal-pulizija biss meta l-point of impact a fol 35 ġiet indikata minn missir Dylan Caruana u saret wara li sar li sketch u ma tirriflettix l-verita. Ġara li missier Dylan Caruana miet fil-mori u l-appellanti ma setgħax itellgħu jixhed għalkemm missieru dejjem setgħa jgħid li ma jridx jixhed kontra ibnu. Kieku verament l-point of impact kien kif jidher minn sketch a fol 35 kieku l-ħsarat kienu jkunu differenti.

Anke l-feriti li sofra Caruana skond ix-xhieda tal-konsulent Mark Portelli a fol 97 cioe għadma tal-koxxa lemin, għadma tal-qasba on right ukoll, xellug parti ta' fuq tal-qasba juru biċ-ċar li Caruna meta waqa'minn fuq tal-qasba tax-xellug juri ċar li l-ħabta kienet frontali, lqatu fuq ix-xellug ul-mutur għeleb fuq il-lemin. Kieku verament il-ħabta saret kif l-appellanti kien qed idur għal Triq Agira kieku ma kienx jolqtu fuq ix-xellug. Mark Portelli a fol 100 jgħid li mpossibbli jekk il-kaġun kienetx il-ħabta mall-vettura jew għax waqa' minn fuq il-mutur.

b. It-tieni agravju huwa li ma saritx prova tal-ħsarat li allegatament saru fil-mutur u għalhekk kellu jiġi liberat minn tali akkuża.

c. It-tieni agravju huwa dwar il-piena kemmil-darba dinil-Qoorti ma tilliberax lill-appellanti. L-appellanti għandu fedina penali netta u l-multa hija waħda aċċessiva ma kellux jiġi skwalifikat mill-liċenzja tas-sewqan tenut kont li kien qed isuq b'mod prudenti u tenut kont li tali skwalifika tikkawżalu ħobżu. Mill-atti jirriżulta ċar lil l-appellanti kien prudenti ħafna fis-sewqa tiegħu.

*Ikkunsidrat : -*

4. Illi nhar il-5 ta' Mejju 2013 il-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ ġew imsejħin jagħtu assistenza minħabba inċident stradali li kien seħħ għall-ħabta tal-2200 fi Triq Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, fejn kien hemm ukoll persuna li sofriet xi ġrieħi. Kif waslu sabu l-vettura tal-appellant tal-għamla Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBD747, u l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni GAC 552 misjuqa minn Dylan Caruana f'nofs triq. Caruana kien qiegħed mal-art. Il-Pulizija tkelmu ma' Dylan Caruana fuq il-post filwaqt li kienu qegħdin jistennew il-wasla tal-ambulanza. Caruana infurmhom li kien ġej minn Vjal il-Ħelsien miexi fid-direzzjoni ta' barra minn Ħaż-Żebbuġ filwaqt li l-vettura tal-appellant li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta u dahret għal ġo Triq Agira. Minħabba f'hekk seħħ l-impatt.

5. Meta l-Pulizija tkellmu mal-appellant hu qal li kien qed isuq minn Triq Vjal il-Ħelsien, fejn għamel l-*indicator* sabiex idur ġo Triq Agira. Waqr li qed idur sar l-impatt mal-mutur misjuq minn Dylan Caruana. L-appellant jgħid li huwa ma rax il-mutur ġej. Is-Surġent li mar fuq il-post, qal li mill-kejl li għamel fuq il-post, kien jidher illi l-vettura tal-appellant kienet lanqas biss daħlet lejn is-*side road* ċjoe Triq Agira meta saret il-ħabta. Xi tlett ijiem wara omm l-appellant ikkomunikat mal-Pulizija biex tinfurmhom dwar il-kameras li hemm installati mal-istabbiliment *Browns;* iżda l-Pulizija ġew infurmati li l-filmati ta' dawn il-kameras ma jiġbdux għal fuq it-triq iżda jagħtu għal fuq il-bieb ta' barra tal-ispizerija.

6. Madwar tlett ġimgħat wara, l-appellant irrilaxxa stqarrija fejn filwaqt li kkonferma l-manuvra tiegħu fejn huwa dar minn Triq Vjal il-Ħelsien għal ġo Triq Agira, hu assuma li l-mutur kien ħiereġ minn Triq Agira kontra s-sens ta' traffiku f'dik it-triq li hija biss *one way*. Dan assumieh peress illi l-impatt kien wieħed frontali, apparti li hu kien baqa' jinsisti li ma ra lill-ħadd ġej mid-direzzjoni opposta ta' Vjal il-Ħelsien għajr għal vettura oħra li kienet għada l-bogħod u li dehret bħalikieku kienet ser tipparkja.

***Ikkunsidrat :-***

7. Illi in suċċint l-aggravji mressqin mill-appellant jikkonsistu fl-apprezzament ħażin li allegatament għamlet il-Qorti tal-Maġistrati meta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. L-appellant huwa tal-fehma illi l-provi li fuqhom straħet il-Qorti tal-Maġistrati u li wasslu għall-ħtija tal-appellant ma kienux suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-grad tal-prova rikjesta mill-Prosekuzzjoni. Anzi kienu jikkostitwixxu impreċiżazzjonijiet jew konġetturi. Mill-banda l-oħra jgħid li l-verżjoni tal-appellant dwar kif seħħ l-inċident kienet ferm aktar verosimili minn dik tal-parte ċivile anki peress illi l-verżjoni tiegħu ġiet ikkorroborata minn provi oħrajn. Fit-tieni lok jisħaq ukoll illi ma tressqitx il-prova tal-ħsarat u tal-valur tagħhom. Finalment u alternattivament l-appellant appella mill-piena imposta, b'ċenn partikolari għall-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan. Huwa jtenni li din ma kienetx idoneja tenut kont illi hu kien qed isuq bi prudenza u qatt ma kellu preċedenti

oħra li konsegwentement irendu din l-iskwalifika bħala waħda diskrezzjonarja u mhux tassativa.

8. Illi din il-Qorti pproċediet sabiex tifli bir-reqqa l-atti proċesswali fid-dawl tal-aggravji kif mressqa fejn jirriżulta illi l-appellant ġie akkużat taħt l-artikoli 225, 226 u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu mill-qari tas-sentenza, partikolarment mid-deċide, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti *ex officio* ma tistax ħlief tissolleva n-nullita parzjali tas-sentenza impunjata in bażi għall-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

9. Id-*decide* tas-sentenza impunjata taqra hekk:

> Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 30, 31, 214, 215, 216, 218, 225, 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lil Cyde Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ komplessivament għall-piena tal-multa ta' tmien mitt Euro (€800) u tiskwalifikaħ milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' tlett (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta' l-għada li din il-kawża tgħaddi in ġudikat.

10. B'dan jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi l-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali li fuqu hija imsejsa t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan iwassal għan-nullita' parzjali tas-sentenza appellata peress li l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **<u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>**.

11. Illi r-*ratio legis* wara dan l-artikolu 382 huwa li s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu

(i) x'kienu dawk il-fatti li dwarhom il-persuna akkużata tkun qed tigi misjuba ħatja,

(ii) tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u

(iii) jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija.

12. Is-sentenza appellata mhix konformi ma' din id-disposizzjoni tal-Liġi bil-konsegwenza li dan l-iżball jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata u din il-Qorti hija marbuta li tħassar dik is-sentenza u li tisma' l-kawża mill-ġdid fil-mertu.[1]

13. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata u, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tordna illi l-każ jiġi trattat mill-ġdid fil-mertu u l-aggravji tal-appellant Clyde Farrugia jiġu kkunsidrati bħala sottomissjonijiet fil-mertu.

***Ikkunsidrat : -***

14. Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a fol 6, mogħtija fit-23 ta' Mejju 2013, jirriżulta li l-imputat kien qiegħed isuq fi Vjal il-Ħelsien f'Ħaż-Żebbuġ, Malta u xegħel l-*indicator* biex jidħol ġewwa Triq

[1] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Joseph Muscat*** deċiż fl-10 ta' Ġunju 1994, ***Il-Pulizija vs. Anthony Zahra*** deċiż fis-26 ta' Mejju 1994 u ***Il-Pulizija vs. Charles Micallef*** deċiż fit-23 ta' Ġunju 1995 fost oħrajn.

Agira. Waqt li qed jagħmel din il-manuvra, huwa ħass impatt. Hu kien diġà dar sew meta sar l-impatt. Qabel dar hu kien innota vettura ġejja mill-lat oppost ta' Vjal il-Ħelsien, iżda li kienet qed issuq bil-mod u kienet għadha l-bogħod. Il-mutur ma kien deher imkien. Hu 'jissuspetta' li l-mutur kien ħiereġ *wrong way* minn Triq Agira. Wara l-ħabta hu ċempel mill-ewwel l-ambulanza. Dak il-mument ġiet tfajla b'vettura li saħqet li kienet flimkien ma' Dylan Caruana u li telqu flimkien iżda li għaddew minn toroq differenti. F'ħin minnhom kien mar ukoll missier Caruana li rrimarka lill-imputat li ma kienx dieħel tajjeb fi Triq Agira peress li ma żammx max-xellug. L-imputat jgħid li kien veru li huwa daħal daqsxejn fuq in-naħa tal-lemin, iżda qatt ma kien qiegħed jistenna li xi ħadd sejjer joħroġlu wrong way minn dik it-Triq. L-imputat saħaq li l-fatt li Caruana laqtu frontalment tkompli tikkonferma illi Caruana kien ħiereġ bil-kontra minn Triq Agira. Iżid li l-ħsarat jitkelmu waħdedhom u li fuq in-*number plate* tiegħu kien hemm il-marka tat-*tyre*.

15. Is-Surġent 1585 James Weatherill xehed a fol 17 fl-14 ta' Mejju 2014. Dan jgħid li nhar il-5 ta' Mejju 2013 il-Pulizija kienu ġew imsejħin jagħtu l-assistenza fuq inċident stradali li kien seħħ għall-ħabta tal-2200 fi Triq Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, fejn kien hemm ukll xi korriment. Kif waslu sabu l-vettura misjuqa mill-appellant tal-għamla Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBD747 li kienet f'nofs it-triq, u l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni GAC 552 misjuq minn Dylan Caruana f'nofs triq, fejn Caruana kien qiegħed

mal-art. Il-Pulizija tkellmu ma' Caruana fuq il-post filwaqt li kienu qegħdin jistennew il-wasla tal-ambulanza.

16. Caruana stqarr miegħu li hu kien ġej minn Vjal il-Ħelsien direzzjoni 'l barra minn Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li l-vettura misjuqa mill-appellant kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. L-appellant kiser għal ġo Triq Agira, u minħabba f'hekk seħħ l-impatt.

17. Is-Surġent 1585 tkellem ukoll mal-appellant li kkonferma li kien qed isuq minn Triq Vjal il-Ħelsien, fejn għamel l-*indicator* biex idur fi Triq Agira u hu u jdur, sar l-impatt in kwistjoni. L-imputat stqarr mas-Surġent li ma rax il-mutur. L-istess Surġent ħejja wkoll l-iskizz, u li ġie wkoll eżebit a fol 35.

18. Xi tlett ijiem wara omm l-appellant kienet ikkomunikat mal-Pulizija biex tinfurmhom dwar il-kameras li kienu installati mill-Ispiżerija *Browns.* Il-Pulizija ġew infurmati li l-filmati ta' dawn il-kameras ma jiġbdux għal fuq it-triq iżda jagħtu għal fuq il-bieb ta' barra tal-ispizerija.

19. Jgħid ukoll li huwa ra liċ-ċiklist mal-art u mmarka fuq l-iskizz a fol 35 b'ċirku bil-linka blu bil-firma tiegħu ħdejh fejn huwa kien sab liċ-ċiklista. Dan kien jidher wara l-vettura misjuqa mill-appellant. Huwa jgħid ukoll li huwa niżżel fuq l-iskizz dak li qalulu l-partijiet - la aktar u la anqas. Ir-rapport huwa ma jirranġaħx – l-aktar li jagħmel huwa li jżid miegħu jekk xi ħadd ikun irid iżid mar-rapport.

20. Qal li mill-kejl li għamel fuq il-post, kien jidher illi l-vettura tal-appellant kienet lanqas biss daħlet lejn is-*side road* in kwistjoni meta saret il-ħabta. Dak huwa kif huwa kien sab il-vettura u l-mutur fuq il-post. Ma jiftakarx jekk il-mutur kellux id-dwal mixgħulin fuq quddiem iżda jiftakar li kellu daqqa kbira fuq il-mutur. Il-mutur kien kważi total loss għax kien imkisser sew.

21. In kontro-eżami, meta mistoqsi jekk staqsiex lil Caruana minn liema direzzjoni kien ġej, PS1585 wieġeb li għalkemm Caruana ma ndikax it-triq minn fejn kien ġej, huwa qal li kien "*ġej għall-affari tiegħu*" li PS1585 fehem li kien qed isuq għad-dritt jiġifieri li kien ġej minn Vjal il-Ħelsien – u dan peress li l-imputat qasamlu t-triq. Hu ma kienx staqsa l-isem tat-triq għax dax-xhud qal li hu kien jaf isem dik it-triq.

22. Ikkonferma li l-ħsarat kienu fuq quddiem u dawn ġew senjalati fir-rapport tiegħu eżebit a fol 27. Mistoqsi mid-Difiża jekk l-appellant kienx qallu fuq il-post li l-mutur kien ġej minn Triq Agira, dax-xhud saħaq illi l-appellant qatt ma qallu li l-mutur kien ġej minn Triq Agira. Hu ma kienx preżenti waqt l-istqarrija tal-appellant u kien kellem lill-imputat biss fuq il-post.

23. Ix-xhud ġie muri erba' ritratti li ġew eżebiti mid-Difiża fejn ikkonferma l-vettura tal-appellant bil-ħsarat fuqha kif ra fuq il-post. Ikkonferma wkoll li Triq Agira kienet *one way* u d-dħul għaliha kien minn Vjal il-Ħelsien. Minn Triq Agira ma jistax joħroġ traffiku minħabba li hija *one way street*.

24. Dr. Jonathan Zammit xehed a fol 42 nhar l-14 ta' Mejju 2014. Jgħid li huwa eżamina lil Dylan Caruana fejn sab li dan sofra ksur f'siequ x-xellugija, fl-għadma ta' taħt l-irkoppa, fl-għadma tal-koxxa tal-lemin u dawn kienu konsistenti fi ġrieħi gravi.

25. L-Ispettur Joseph Agius xehed a fol 55 nhar it-8 ta' Lulju 2014. Dan jgħid li kien tkellem mal-appellant li rrilaxxa l-istqarrija u rrefera għall-kontenut tagħha. Eżebixxa ritratti tal-vettura li qegħdin fuq CD u li tahielu l-imputat stess u ġiet markata bħala Dok JA.

26. L-appellant taħ din il-verżjoni nhar it-23 ta' Mejju 2013. Ix-xhud tkellem ukoll mal-vittma li qal li kien ġej minn Vjal il-Ħelsien u mhux ħareġ minn Triq Agira. Ikkonferma wkoll li hemm żewġ karreġjati fi Vjal il-Ħelsien iżda ma jiftakarx f'liema direzzjoni kienu qegħdin isuqu.

27. Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta xehed a folio 66 fit-8 ta' Lulju 2014 fejn ikkonferma li dakinhar tal-impatt ir-reġistrazzjoni tal-vettura misjuqa mill-imputat kienet fuq missieru.

28. Il-parte civile Dylan Caruana xehed a fol 72 fit-8 ta' Lulju 2014. Hu telaq mid-dar tiegħu fi Triq Anthony Aquilina, Ħaż-Żebbuġ, għadda minn Triq il-Ħali u ħareġ għal Triq il-Kbira fejn hemm il-Pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ u kiser lejn Vjal il-Ħelsien. Hu u jsuq f'din it-triq ħass impatt kbir għal fuqu fuq in-naħa tal-lemin, tal-ġenb tal-mutur. Ikkonferma li l-inċident sar fejn l-Ispiżerija *Browns*. Hu kien għaddej fuq il-karreġġjata tiegħu. Ma kellux karrozzi quddiemu fuq il-karreġjata tiegħu.

29. In kontro-eżami ċaħad li kellu argument mat-tfajla tiegħu dakinhar u saħaq li telqet miegħu u ftit tal-ħin wara kienet fuq ix-xena tal-inċident. Hu kien bil-mutur u hi kienet bil-vettura tagħha għax hu kien sejjer għax-xogħol il-Farsons u hi kienet sejra d-dar tagħha. Caruana qal li karrozzi minn faċċata jkunu ġejjin, iżda ma jiftakarx li ra *indicators* mixgħulin. Hu ntlaqat fuq il-lemin tal-mutur tiegħu. Ċaħad kategorikament li kien ħiereġ minn Triq Agira. Id-Difiża allegat li missieru kien qallu jixhed b'dak il-mod u li kien ser iġib ix-xhieda li jgħidu l-istess. Iżda Caruana sfida lid-Difiża biex ittella' lil dawn ix-xhieda.

30. Caruana jgħid li huwa informa lill-assikurazzjoni tiegħu dwar l-inċident u ġie s-surveyor ukoll. Hu pprometta li ser iġib kopja tas-*surveyor report*. L-*insurance* qed jistennew l-eżitu tal-każ. Hu saħaq li kellu ħsarat fil-ġenb u fuq quddiem ukoll. Mistoqsi kif kien intlaqat allura frontalment qal sempliċiment li jiftakar fejn ħass id-daqqa u ma setax jispjega.

31. Il-Konsulent Ortopediku Mark Portelli xehed a fol 93 fis-17 ta' Mejju 2016. Huwa għaraf lil Dylan Caruana li ġie operat f'ħafna partijiet mill-għadam tiegħu fejn kellu ksur partikolari li ma kienx fieq u kien jirrekjedi intervent ieħor madwar sentejn wara. Jidhirlu li kellu bżonn intervent f'saqajħ il-leminija fejn kien diġa għamel intervent qabel. Ġie mitlub jikkonsulta l-*file* biex jiftakar sew l-affarijiet.

32. Dan ix-xhud ġie riprodott kif jidher a fol 97 fit-12 t'Ottubru 2016. Wara li kkonsulta l-*file* ta' Caruana, saħaq illi l-vittma kellu ksur

serju f'tlett partijiet ta' saqajħ u kellu bżonn diversi operazzjonijiet, tnejn fil-*femur* fuq il-lemin fejn kien jinħtieġ virga li jgħadduha mill-mudullun tal-għadam, kiser it-*tibia* fuq il-lemin ukoll u kellu bżonn virga fil-mudullun tal-għadma u kiser ukoll dik tax-xellug parzjalment (*proximal tibia*). Din kienet l-iktar waħda serja li jista' jkollok kunsidrata bħala *scale 6*, ċjoe l-aktar klassifikazzjoni kumplikata u serja. Caruana kellu bżonn il-*plates* u *fasciotomy* fejn iċ-ċirkolazzjoni fis-sieq tkun f'riskju minħabba l-ksur. Dawn l-operazzjonijiet seħħew bejn il-5 ta' Mejju u l-11 ta' Mejju 2013.

33. Sussegwentement waħda minn dawn l-għadam ma fieqetx u kellu bżonn *exchange nailing,* jiġifieri titneħħa l-virga u tiġi sostitwita. Għalkemm ma kienx hu li eżamina lil Caruana l-ewwel darba, kull ma qal kien jirriżulta mill-*file*. Lil Caruana raħ diversi drabi allavolja ma jiftakarx eżattament kemm il-darba. In kontro-eżami qal li dawn il-feriti huma kompatibbli ma inċident awtomobilistiku. Ma jafx lanqas Caruana fuq liema naħa waqa'.

34. A folio 114 jirriżultaw diversi ritratti meħuda minn fuq ix-xena tal-inċident u li ġew eżebiti mill-Prosekuzzjoni matul is-seduta datata 2 t'Ottubru 2018.

35. L-imputat Clyde Farrugia xehed a fol 117 nhar it-2 t'April 2019. Hu qal li kien joqgħod qisu blokk wara Triq Agira. Għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija "*eżatt kif dort u dħalt fi Triq Agira, saret il-ħabta*".

36. Jgħid li ħass litteralment ħabta mal-karrozza tiegħu li kienet *head on*. Isostni li qabel dar "*ovvjament iccekjajt li ma kien gej hadd, xeghelet l-indicator, harist il- quddiem u anki harist warajja u dorti jigifieri lejn Triq Agira.*" Għamel referenza għar-ritratti eżebiti minnu tal-vettura tiegħu fejn spjega fejn sar l-impatt mal-mutur fejn jidhru wkoll il-marki tat-*tyres* tal-mutur fuq in-*number plate* tiegħu ta quddiem. Ippreżenta wkoll żewġ ritratti tal-post tal-inċident fejn indika fejn sar l-impatt u fejn spiċċat il-vettura misjuqa minnu u l-mutur wara l-impatt.

37. B'referenza għall-iskizz ippreżentat mill-Pulizija, l-appellant saħaq li ma qabilx mal-*point of impact* indikat u dan għaliex wara li kien telaq il-Pulizija li kien ħa xi ftit dettalji, jgħid li missier ix-xufier tal-mutur kien qed jitkellem ma' xi Pulizija (ieħor li kien fuq il-post) fejn indikalu l-*point of impact* - li kien iktar lura minn fejn seħħet oriġinarjament. Imbagħad wieħed minn dawn il-Pulizija ċempel lil dak il-Pulizija li kien ħa l-iskizz u dan reġgħa ġie, u bażikament qagħad fuq dak li kien qallu missier Caruana. Il-kejl sar minn hemmhekk. Il-bqija jaqbel magħha.

38. Jgħid ukoll li ġiet it-tfajla tax-xufier tal-mutur li qaltlu li telqu mid-dar ta' Caruana iżda ħadu direzzjonijiet differenti fejn hi ġiet minn Vjal il-Ħelsien. L-appellant ma qabilx mad-direzzjonijiet tat-toroq li kien spjega li kien saq minnhom Caruana. L-appellant insista li kien jippresumi li Caruana seta' għadda minn triq oħra u kompla jinsisti li lil Caruana ma raħx isuq fuq Vjal il-Ħelsien. Qal ukoll li missier Caruana kien mar fuqu, għajjat miegħu u qallu li kien daħal

ħażin fi Triq Agira peress li kien lejn in-naħa tal-lemin. Jgħid li dan mill-ewwel tefagħha fuqu. L-appellant wieġbu li veru kien daħal naqra lejn il-lemin; iżda dik it-triq kienet *one way* u qatt ma basar li kien ser joħroġlu xi ħadd minnha.

39. In kontro-eżami saret referenza għad-diskrepanzi bejn dak li qal oriġinarjament mal-Pulizija u dak illi stqarr fl-istqarrija tiegħu – b'mod partikolari għall-fatt li lill-Pulizija ma kienx qalilhom mill-ewwel li skontu Caruana ħariġlu minn Triq Agira li kienet *one way*, l-appellant qal li dak il-ħin kien taħt xokk, plus li insista li hu hekk ried ifisser u mhux li Caruana kien ġej minn Vjal il-Ħelsien. Jikkonferma pero li huwa ma kienx kiteb lill-Pulizija biex dawn l-iżbalji jiġu koreġuti. Hu kien talab li jinġieb is-*CCTV footage* tal-*Browns Pharmacy*.

40. Josephine Farrugia, omm l-imputat xehdet a fol 139, nhar it-2 t'April 2019. Tgħid li meta waslet fuq il-post, l-inċident kien diġa seħħ. Eżebiet ritratt ieħor fejn indikat fejn kien ix-xufier tal-mutur mal-art, u tgħid li kien fil-ġenb tal-karrozza. Indikat ukoll fejn kien il-mutur. Tiftakar li kien hemm il-Pulizija u kien hemm anki missier ix-xufier tal-mutur fuq ix-xena. Tiftakar li telaq il-missier umbagħad reġa ġie fejn indikalhom il-*point of impact.* F'dak il-ħin il-Pulizija li kien hemm fuq il-post ċemplu lill-Pulizija li ġew jieħdu r-ritratt.

41. Sussegwentement hi kienet qed tistenna barra l-Awla matul l-ewwel seduta u tgħid li ħareġ missier ix-xufier tal-mutur u qallu biex jgħid li kien għaddej minn Vjal il-Ħelsien u biex ma jippanikjax.

42. In kontro-eżami dix-xhud qalet illi taf illi missier Caruana huwa mejjet illum il-ġurnata. Konfrontata bir-ritratti a fol 114, qalet illi rat ix-xufier tal-mutur mal-art fuq **<u>in-naħa leminija tal-vettura ta' binha</u>**, bejn il-bankina u t-triq fit-triq. Il-mutur kien fuq in-naħa l-oħra tal-karrozza. Ikkonfermat ukoll li kienet qalet lill-Pulizija biex iġibu l-filmati mill-Ispiżerja *Browns* iżda ma rriżulta xejn minnhom.

***Ikkunsidrat : -***

43. Illi minn dan il-kwadru probatorju jirriżultaw żewġ verżjonijiet differenti ta' dan l-inċident awtomobilistiku. Hemm il-verżjoni mogħtija minn Dylan Caruana li, konsistentement, sa mill-ewwel verżjoni mogħtija minnu lil Pulizija fis wara l-inċident, stqarr li huwa kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu matul Vjal il-Ħelsien u li meta wasal fl-inkroċju ma Triq Agira sab lill-vettura misjuqa mill-appellant li kisret għal ġo fih, bil-konsegwenza li tajritu u kkaġunatlu l-offiżi gravi involontarji nonche l-ħsara fil-mutur tiegħu.

44. Hemm imbagħad żewġ verżjonijiet tal-inċident rakkuntati mill-appellant – L-ewwel waħda mogħtija lil PS1585 fis wara l-inċident fejn filwaqt li kkonferma li kien qed isuq minn Vjal il-Ħelsien, meta ġie biex idur fi Triq Agira, għamel l-*indicator* u hu u jikser, sar l-impatt in kwistjoni u li huwa ma kienx ra l-mutur qabel dan l-impatt. It-tieni verżjoni hija dik mogħtija fl-istqarrija tiegħu lill-Ispettur Agius fit-23 ta' Mejju 2013, jiġifieri tmintax il-jum wara l-inċident, kif ukoll fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Skont din it-tieni verżjoni, jirriżulta li l-appellant kien wasal għal suspett li Caruana kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu minn Triq Agira, jiġifieri kien nieżel *wrong way* meta seħħ l-impatt. Dan huwa dettall li jbiddel id-dinamika tal-inċident radikalment; iżda dettall tant kruċjali kien tħalla barra mill-ewwel rikostruzzjoni tal-inċident mogħtija minnu lil PS1585.

45. Infatti din id-diskrepanza fil-verżjoni tal-appellant ġiet ikkonfermata wkoll mix-xiehda ta' PS1585 James Weatherhill li saħaq ripetutament illi meta l-appellant tkellem miegħu dakinhar tal-impatt, hu qatt ma semma illi Caruana kien ħiereġ minn Triq Agira.[2]

46. L-appellant ġie wkoll mistoqsi dwar dan meta xehed *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn hu saħaq illi dak il-mument kien taħt xokk u jista' jkun li dik kienet ir-raġuni għalfejn dan id-dettal ma kienx semmieh. Din il-Qorti ssibha kemxejn diffiċli temmnu f'dan ir-rigward. Minn qari tar-rapport tas-Surġent 1585 jirriżulta li l-imputat kien tkellem mal-Pulizija u kien taħ diversi dettalji dwar dan l-inċident – inkluż li kien qiegħed isuq fi Vjal il-Ħelsien, li xegħel l-*indicator* biex idur fi Triq Agira, u li fi ftit sekondi ħass daqqa fuq il-vettura tiegħu – fejn stqarr ukoll li ma kienx ra l-mutur.

47. Dil-Qorti ssibha bi tqila temmen li dettall daqshekk importanti u determinanti – u ċjoe li l-mutur kien qiegħed jinstaq *one way* mill-

---

[2] Folio 17 et seq tal-atti proċesswali.

istess Triq li ried jidħol fiha l-imputat, setgħa qabiżlu minn moħħu. Wara kollox, fl-ewwel verżjoni li ta lil Pulizija l-imputat qal li lil mutur hu ma kienx rah u mhux li dan kien ġej *wrong way*.

48.Dil-Qorti tifhem li wara inċident ta' dak it-tip persuna tkun taħt xokk. Iżda mill-banda l-oħra jekk, minkejja x-xokk li kellha, dik il-persuna tasal li tagħti dettalji, inkluż li xegħel l-*indicator* allura ssibha stramba kif ma tagħatx dettalji sinjifikanti bħal dik li s-sewwieq l-ieħor kien ħareġ *wrong way*. Anzi, aktar ma beda jgħaddi żmien, aktar l-imputat jidher li beda jiftakar dettalji.

49.Hekk per eżempju meta rrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Agius, huwa jgħid li l-ħabta saret eżatt kif dar fi Triq Agira u kienet ħabta *head-on*. Isemmi li kien hemm vettura oħra ġejja mill-bogħod u li kienet qed tinstaq bil-mod u bla dawl u assuma li kienet se tipparkja. Fl-istqarrija tiegħu jgħid għall-ewwel darba li kien jissuspetta li l-mutur kien ħiereġ minn Triq Agira kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Biss s'hemmhekk huwa jgħid li kellu suspett li Caruana kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu kontra d-direzzjoni tat-traffiku.

50.Meta xehed l-imputat jgħid li l-inċident seħħ għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija "*eżatt kif dort u dħalt fi Triq Agira, saret il-ħabta*". Jgħid li ħass litteralment ħabta mal-karrozza tiegħu li kienet *head on*. Isostni li qabel dar "*ovvjament iccekjajt li ma kien gej hadd, xeghelet l-indicator, harist il-quddiem u anki harist warajja u dorti jigifieri lejn Triq Agira.*" Din id-deskrizzjoni hija importanti ħafna. Turi elementi ta' attenzjoni żejda għad-dettall. Fil-waqt li fl-ewwel

verżjoni tiegħu huwa sempliċiment jgħid li xegħel l-*indicator*, hawnhekk, allura kważi sitt snin wara l-inċident, iżid dettalji oħra dwar dak li suppost għamel qabel seħħ l-impatt jiġifieri – ħares il-quddiem u anke ħares warajh qabel ma kiser fi Triq Agira. Fil-waqt li din il-Qorti tifhem li biex wieħed jikser fi triq hu mistenni minnu li jixgħel l-indicator u jħares il-quddiem, l-asserzjoni mill-imputat li tant kien kawt u prudenti li saħansitra ħares lura qabel ma kiser fi Triq Agira, titqies bil-wisq diffiċli li titwemmen. Din l-asserzjoni ddgħajjef il-kredibbilta tax-xiehda tal-imputat u mhux issaħħaħha. Kienet asserzjoni intiża li turi kemm kien prudenti fis-sewqan tiegħu l-imputat. Biss din il-Qorti ma temminx li fil-fatt l-imputat ġab ruħu b'dak il-mod qabel ma seħħ l-inċident.

51. L-appellant jagħmel ħafna enfażi fuq kif spiċċaw il-vettura, il-mutur u Caruana wara l-inċident. Huwa jtenni li l-ħabta bilfors saret head-on. Dan minħabba li huwa kellu t-traċċi tal-impatt fuq in-naħa tan-nofs tal-vettura misjuqa minnu u minħabba l-post fejn spiċċaw il-mutur u Caruana.

52. Din il-Qorti ma kellhiex il-benefiċċju li tara u tisma' lill-imputat u lil Caruana jixhdu quddiemha u b'hekk ma setgħetx tagħmel dak l-apprezzament li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tagħmel faċilment in kwantu rathom u semgħethom. Inoltre, kif jiġri bosta drabi f'dawn il-każijiet, il-posizzjoni tal-vetturi tista' tkun indikattiva ta' kif seħħ l-inċident. Hija parti mill-evidenza ċirkostanzjali li l-Qorti tieħu kont tagħha. Iżda in kwantu tali, l-evidenza ċirkostanzjoni għalkemm, a differenza tal-bnedmin, ma tigdibx, tista' tkun

qarrieqa jekk ma tkunx tippunta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda.

53. Il-mod ta' kif spiċċaw il-vettura misjuqa mill-appellant, il-mutur misjuq minn Caruana u Caruana nnifsu wara l-inċident ma jwassalx għal konklużjoni waħda u univoka dwar kif seħħ l-impatt. B'hekk il-Qorti trid tieħu kont ta' din l-evidenza magħquda ma dak li jkunu xehdu x-xiehda. B'xorti ħażina f'dan il-każ ma kienx hemm xhieda oħra tal-inċident apparti l-imputat u Caruana. Is-CCTV footage tal-Ispiżerija Browns, għalkemm mitlub mill-imputat, ma kienx ikopri l-arja fejn seħħ l-inċident. B'hekk il-posizzjoni tal-vettura misjuqa mill-imputat, il-mutur misjuq minn Caruana u Caruana nnifsu jridu jinftehmu fid-dawl ta' dak li xehdu l-imputat u Caruana nnifsu.

54. Apparti minn hekk l-imputat u ommu jixħtu dell fuq ix-xogħol li għamel is-Surġent 1585 fir-rigward tal-iskizz li għamel. Fi ftit kliem l-imputat u ommu ma jaqblux mal-aktar dettall importanti fir-rigward tad-dinamika tal-inċident u ċjoe fejn eżattament seħħ l-i*spot of impact* bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u l-mutur misjuq minn Caruana.

55. Qabel xejn din il-Qorti tagħmilha ċara li minn dak li jirriżulta mill-atti ta' dan il-każ, ma għandhiex għalfejn tiddubita minn dak mistqarr mis-Surġent 1585 fir-rigward tar-rapport tiegħu. Ir-rapport ta' dan is-Surġent, inkluż l-iskizz, huma dettaljati u l-istess Surġent jispjega ċar dak li ra b'għajnejh, semgħa b'widnejh u li dan ikkonferma bil-ġurament tiegħu li dak li qalulu l-partijiet niżlu

skont kif semgħu. Din il-Qorti tqis li x-xiehda tas-Surġent hija ta' min jorbot fuqha u din il-Qorti se tistrieħ fuqha.

56. L-impatt bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u l-mutur misjuq minn Caruana seħħ fi Vjal il-Ħelsien, u mhux fi Triq Agira. Dan ma jirriżultax biss mir-rapport tas-Surġent 1585, iżda wkoll mir-ritratti eżebiti mill-Prosekuzzjoni a fol 114. Dawn ir-ritratti jaqblu mal-iskizz li eżebixxa s-Surġent 1585. Il-mutur jidher mal-art fi Vjal il-Ħelsien u mhux fi Triq Agira. Hija l-vettura misjuqa mill-imputat li waqfet tħares lejn Triq Agira. U dan jagħmel sens għaliex l-imputat ried idur lejn din it-triq u fil-fatt kien beda jikser f'din it-triq meta seħħ l-impatt.

57. L-impatt jidher ċar minn dawn ir-ritratti li sar fi Vjal il-Ħelsien, minkejja li l-imputat jixhed li l-ħabta saret fi Triq Agira. Is-Surġent 1585 stess jgħid li meta seħħ l-impatt il-vettura misjuqa mill-imputat kien għadha ma bdietx dieħla fi Triq Agira. Dan jirriżulta ċar mir-ritratti, b'mod partikolari ir-ritratt markat X4. Mir-ritratt X9 jirriżulta li l-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-appellant kienet <u>waqfet</u> hekk kif ser tibda dieħla fi Triq Agira, b'quddiem tagħha huwa kjarament iħares f'dik it-Triq. Ritratti aktar ċari ta' dan huma X5 u X7. Il-ħabta ma saritx fejn hija wieqfa l-vettura misjuqa mill-imputat, iżda sar qabel – u ċjoe lejn nofs il-karreġġjata ta' Vjal il-Ħelsien li tieħdok il-barra minn Ħaż-Żebbuġ. Dan jidher ukoll ċar kemm mill-iskizz kif ukoll mir-ritratt X4. Fl-iskizz hemm ukoll indikat fejn kien hemm id-*debris*, liema post huwa wkoll

indikattiv fejn fil-fatt ikun seħħ l-impatt. Dan huwa muri wkoll mir-ritratti X1, X2, X3 u X8.

58. Is-Surġent jagħti wkoll spjegazzjoni fejn spiċċa Caruana wara dan l-inċident – u ċjoe wara l-vettura misjuqa mill-appellant – fejn hemm indikat iċ-ċirku bil-linka blu fuq l-iskizz a fol 35.

59. Din il-Qorti temmen li l-imputat verament ma raħx il-mutur misjuq minn Caruana. Iżda huwa ma raħx mhux għax, kif jissuspetta hu, dan il-mutur kien ġej minn Triq Agira. Dan ma raħx sempliċiment għax ma kienx qiegħed iżomm *a proper look-out*. Fil-fatt is-suspett li Caruana kien qiegħed isuq fi Triq Agira jista' jkun li tnissel f'moħħ l-imputat mhux għax hu raħ ġej isuq minn dik it-triq. L-imputat ma jgħidx li huwa ra lil Caruana jsuq il-mutur minn Triq Agira. Huwa wasal għal dik il-konklużjoni għax lil Caruana jgħid li ma raħx isuq fi Vjal il-Ħelsien. Imbagħad jgħid li din is-suspett saħħu minħabba li d-daqqa fuq il-vettura misjuqa minnu kienet fuq quddiem il-vettura tiegħu u lejn in-nofs.

60. Iżda anke hawn, wieħed jista' jaqra dawn il-fatti minn lenti differenti. Qabel xejn, jekk wieħed jara r-ritratti li eżebixxa l-imputat stess, jiġifieri minn fol 38 sa fol 41 u li juru l-ħsarat li saru fuq il-vettura misjuqa minnu jara b'mod ċar li d-daqqa prinċipali – ċjoe fejn hemm l-għafsa fonda fuq il-bonnet tal-karozza qegħda kważi fuq il-fanal tan-naħa tax-xellug tal-karozza. Mela l-impatt mal-mutur seħħ l-aktar fuq in-naħa tax-xellug tal-karozza, u mhux fin-nofs tagħha. Dan qiegħed jingħad ċar mir-ritratt "a" a fol 38, "b" a fol 39, "d" u "e" a fol 40 u "f" u "g" a fol 41. Ir-ritratti d, f u g juru

wkoll illi s-sinjal tat-tyre tal-mutur fuq in-numru 7 jikkonċidi mal-estremita tan-number plate, u ċjoe li jiġi l-aktar fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura, u mhux fin-nofs tal-vettura. Kieku kien fin-nofs tal-vettura allura l-marka ta' dan it-tyre ma kienx ikun fuq l-aħħar in-numru 7, iżda kien ikun xi mkien bejn id "D" u l-ewwel "7" tan-number plate DBD 747.

61. Imbagħad hemm żewġ dettalji importanti dwar dan l-impatt, li juru fejn spiċċa l-mutur u fejn spiċċa Caruana u kif Caruana spiċċa fejn spiċċa. Meta wieħed jara dawn ir-ritratti eżebiti mill-imputat, flimkien mar-ritratti eżebiti mill-Prosekuzzjoni a fol 114 u l-iskizz a fol 35, magħqudin ma dak li xehdu Caruana u l-imputat, jirriżulta li l-impatt bejn il-mutur u l-vettura misjuqa mill-imputat seħħ fi Vjal il-Ħelsien. L-impatt ma kienx wieħed *head-on* kif jgħid l-imputat. L-impatt seħħ waqt li l-imputat kien qiegħed idur lejn Triq Agira u l-mutur misjuq minn Caruana kien qiegħed jinstaq fi Vjal il-Ħelsien sejjer il-barra minn Ħaż-Żebbuġ.

62. L-imputat ma raħx lill-mutur misjuq minn Caruana in kwantu ma kienx qiegħed iżomm *proper lookout*. Biex l-imputat idur fi Triq Agira minn Vjal il-Ħelsien huwa bilfors ried idur fuq il-lemin tiegħu. Meta kien qiegħed idur fuq il-lemin, l-ewwel parti tal-karozza tiegħu li tisporġi fil-karreġġjata opposta tkun dik tan-naħa tax-xellug tal-vettura tiegħu.

63. Fil-fatt jirriżulta li huwa laqat il-mutur misjuq minn Caruana fuq in-naħa tax-xellug tal-karozza tiegħu. Caruana fil-fatt jixhed li huwa ħass id-daqqa fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. U dan jagħmel sens

inkwantu huwa kien qiegħed isuq fid-direzzjoni kontra tal-imputat. Sinjifikattiv immens huma r-ritratti li juru fejn imbagħad seħħ l-impatt ta' Caruana fuq il-*windscreen* tal-vettura misjuqa mill-imputat. Fil-fatt kieku l-ħabta kienet *head-on* kif jgħid l-imputat, meta Caruana inbeżaq minn fuq il-mutur tiegħu, huwa kien mistenni li c-*centre of impact* kien ikun eżatt fin-nofs tal-*windscreen*. Iżda dan ma seħħx.

64. Jirriżulta mir-ritratti eżebiti "a" a fol 38, "c" a fol 39, u X3 a fol 114 li *c-centre of impact* fuq il-windscreen kien ftit aktar lejn il-lemin tal-*windscreen*. Dan juri għalhekk it-trajjettorja ta' meta inbeżaq Caruana minn fuq il-mutur mal-ħabta. Jiġifieri mal-ħabta fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-appellant, Caruana inbeżaq u ġie aktar lejn in-naħa tal-lemin tal-vettura misjuqa mill-appellant. Mentri li kieku dik il-ħabta kienet head on, ic-*centre of impact* kemm tal-mutur mal-vettura kif ukoll tal-vitma fuq il-windscreen tal-vettura kien ikun mistenni li jkun aktar lejn iċ-ċentru tagħha.

65. Fil-fatt dan huwa wkoll imsaħħaħ mill-post fejn Caruana spiċċa mal-art skont kif jidher mill-iskizz a fol 35. Caruana spiċċa fuq in-naħa wara u fuq il-lemin tal-vettura misjuqa mill-appellant. Dawn il-posizzjonijiet juru biċ-ċar li l-impatt bejn il-vettura mhux biss seħħ fi Vjal il-Ħelsien talli jikkonfermaw il-verżjoni mogħtija minn Caruana li huwa kien qiegħed isuq minn Vjal il-Ħelsien. Hekk biss il-posizzjoni tal-vetturi u ta' Caruana jiġu li jagħmlu sens. Il-post fejn seħħet il-ħabta huwa fil-fatt ftit il-quddiem minn fejn spiċċa l-mutur. Il-mutur mad-daqqa ma nbeżaqx bħal ma għamel Caruana.

Caruana spiċċa fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputat fuq in-naħa tal-lemin tagħha sempliċiment għax bil-liġi tal-fiżika hekk kien destinat li jagħmel meta huwa jolqot ostakolu. Caruana inbeżaq minn fuq il-mutur fid-direzzjoni li kien qiegħed isuq fiha qabel l-impatt – jiġifieri l-quddiem.

66. Li kieku l-mutur kien qiegħed jinstaq u ġej minn Triq Agira, ma kienx jispiċċa mal-art fi Vjal il-Ħelsien kif jidher fir-ritratt X3. L-impatt, kif jgħid l-imputat verament kien frontali, iżda mhux head-on. Kien impatt frontali fuq in-naħa tax-xellug tiegħu hekk kif kien qiegħed jikser fi Triq Agira. Iżda mhux għax il-mutur kien ġej minn Triq Agira, kif ikkonkluda jew aħjar issuspetta hu.

67. Dan apparti l-fatt li mix-xiehda kemm ta' Caruana kif ukoll ta' dak li l-imputat stess jgħid li semgħa lit-tfajla ta' Caruana tgħid, qabel l-inċident, Caruana kien għadu ġej mid-dar tal-ġenituri tiegħu u sejjer għax-xogħol. Il-Qorti rat ukoll il-mappa tal-area eżebita a fol 83, mnejn jidher ċar li mnejn joqgħod Caruana ma kellux għalfejn jgħaddi minn Triq Agira.

***Ikkunsidrat : -***

68. Illi sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-*

*out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[3]

69. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Id-dover ta' *proper lookout*, :

> '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] )." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-
> "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."[4]

70. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew

---

[3] bħal mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

[4] Pulizija vs Alfons Abela deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri u deċiża mill-Imħallef Joe Galea Debono, diċiża nhar l-10.3.2005.

inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

71. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri***, deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -

> Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati.

72. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo***[5] l-Qorti rriteniet:

> In tema legali l-Qorti tosserva li huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus pater familias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq.

---

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 t'Ottubru 2003 mill-Imħallef Noel Cuschieri.

Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli."

Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view.

Jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissur rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out".

Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karreggjata. L-utenti tat-triq, u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq,u fil-fatt irid jipprova li huwa 'used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances".

Certament sewwieq ma jistax jitqies li kien qed izomm "a proper look out" meta huwa kien qed ihares, ghalkemm ghal ftit sekondi, f' direzzjoni differenti minn dik fejn kienet sejra l-vettura tieghu.

73. Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-każ, l-imputat kien jaħti unikament għal dan il-inċident stradali. Il-fatt li huwa ma żammx *proper lookout* tant li jammetti sa mill-bidu nett li l-mutur misjuq minn Caruana huwa bl-ebda mod ma raħ, mentri fil-fatt huwa kien obbligat li jkollu għajnejn il-ħin kollu fuq it-triq u jara sew xi traffiku hemm quddiemu. Dan in-nuqqas jista' jieħu l-forma ta' traskuraġni, nuqqas ta' ħila, jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti li jitkelmu dwarhom l-artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat : -***

74. Illi fit-tieni lok, l-imputat huwa mixli wkoll bil-ħsarat involontarji, skont tal-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ jirriżulta li huwa kien ġie mixli wkoll bl-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali. Il-ħsara magħmula f'dan il-każ għalhekk hija konfigurabbli wkoll taħt dak l-artikolu.

75. Issa skond l-imputat il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi provi dwar il-ħsarat subiti in konsegwenza tal-inċident stradali in kwistjoni. Huwa minnu li ma ġiex ippreżentat *Surveyor Report*. Iżda mill-banda l-oħra l-ħsarat sofferti huma msemmija fil-PIRS report, ikkonfermat ukoll mis-Surġent 1585, nonche x-xhieda ta' Dylan Caruana illi kkonferma li l-ħsarat in kwistjoni ġew subiti dakinhar tal-inċident.

# ***Decide***

Illi għall-motivi premessi, wara li rat l-artikoli 225(1), 226(1)(a) u 328(b) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ssib lil Clyde FARRUGIA ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu tikkundannah għal multa ta' tminn mitt euro (€800).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***